22002D0113

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 113/2002

tas-27 ta' Settembru 2002

li temenda l-Anness I (materji Veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bill-protokoll li mmodifika l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 78/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/812/KE tal-21 ta' Novembru 2001 li stipulat it-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera responsabbli mill-ispezzjonijiet veterinarji fuq prodotti ntrodotti fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(3) Deċiżjoni 2001/812/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/525/KEE ([3]), li hija nkorporata fil-Ftehim u li għandha għalhekk tiġi mħassra mill-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni ma' tapplikax għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 13 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/525/KEE) għandu jiġi mħassar.

2. Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 110 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/25/KE):

"111. **32001 D 0812**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/812/KE tal-21 ta' Novembru 2001 li poġġiet r-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera responsabbli mill-ispezzjonijiet veterinarji fuq prodotti ntrodotti fil-Komunità minn pajjiżi terzi. (ĠU L 306, tat-23.11.2001, p. 28).

Dan l-att japplika għall-Islanda fl-oqsma koperti minn atti speċifiċi li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttiva."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2001/812/KE fil-lingwi Islandizi u Norveġiżi, li għandha tiġi ppublikata fis-Suppliment ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2002, dejjem jekk ikunu saru n-notifikazzjonijiet skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

([1]) ĠUL 266, tat-3.10.2002, p. 22.
([2]) ĠU L 306, tat-23.11.2001, p. 28.
([3]) ĠU L 331, tas-17.11.1992, p. 16.
(*) Ma hemm l-ebda rekwiżit kostituzzjonali indikat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fi-sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Supplement taż-ŻEE, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Settembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar Snorri GUNNARSSON